REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1469/2007

tat-13 ta' Diċembru 2007

li jemenda l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill Nru 79/65/KEE rigward il-lista tad-diviżjonijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni ta' kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ekononika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2a tiegħu,

Wara li kkunsidrat it- talba tal-Portugall,

Billi:

(1) Lista ta' diviżjonijiet skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 79/65/KEE hija stabbilita fl-Anness għal dak ir-Regolament.

(2) Skond dak l-Anness, il-Portugall jinqasam f'ħames diviżjonijiet. Għall-finijiet tar-Regolament Nru 79/65/KEE, il-Portugall talab li jitnaqqas in-numru ta' diviżjonijiet bl-amalgamazzjoni tad-diviżjonijiet "Entre Douro e Minho e Beira Litoral" u "Trás-os-montes e Beira Interior" f'diviżjoni waħda "Norte e Centro".

(3) Ir-Regolament Nru 79/65/KEE għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tad-Dejta tal-Kontabilità tal-Farms,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament Nru 79/65/KEE huwa emendat skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-sena tal-kontabilità 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU 109, 23.6.1965, p. 1859/65. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNESS

Fl-Anness għar-Regolament Nru 79/65/KEE, il-parti li tikkonċerna l-Portugall għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Portugall:

1. Norte e Centro,
2. Ribatejo-Oeste,
3. Alentego e Algarve,
4. Açores e Madeira."